32006R0632

25.4.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 111/5

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 632/2006

## ta' l-24 ta' April 2006

## li jibdel l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali addizzonali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) B'konsegwenza tal-falliment min-naħa ta' l-Istati Uniti biex iġġib l-Att dwar il-Kumpens għall-Persistenza tad-Dumping u għaż-Żamma tas-Sussidji (CDSOA) konformi ma' l-obbligi tagħha taħt il-ftehimiet tad-WTO, ir-Regolament (KE) Nru 673/2005 impona dazju doganali addizzjonali *ad valorem* ta' 15 % fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika mill-1 ta' Mejju 2005. Skond l-awtorizzazzjoni tad-WTO biex tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet lill-Istati Uniti, il-Kummissjoni kull sena għandha tirranġa il-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mis-CDSOA lill-Komunità f'dak il-waqt.

(2) Il-ħlasijiet tas-CDSOA għall-aktar sena riċenti li għaliha hemm *data* disponibbli għandhom x'jaqsmu mad-distribuzzjoni ta' dazji *anti-dumping* u ta' kontrobilanċ miġbura matul is-sena Fiskali 2005 (mill-1 ta' Ottubru 2004 sat-30 ta' Settembru 2005). Fuq il-bażi tad-*data* ppublikata mill-Ħarsien tad-Dwana u Fruntieri ta' l-Istati Uniti, il-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-Komunità huwa kkalkulat li jammonta għal 36, 91 miljun Dollaru Amerikan.

(3) Billi l-livell ta' tixjin jew ta' ħsara u għaldaqstant ta' sospensjoni żdied, l-ewwel tmin prodotti fuq il-lista ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 673/2005 għandhom jiżdiedu mal-lista ta' l-Anness I għal dak ir-Regolament.

(4) L-effett ta' dazju addizzjonali ta' importazzjoni ta' 15 % *ad valorem* fuq importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-prodotti fl-Anness I emendat jirrappreżenta, fuq sena, valur ta'kummerċ li ma jaqbiżx is-36, 91 miljun Dollaru Amerikan.

(5) L-Artikoli 6(1) u 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 fihom eżenzjoni speċifika mid-dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni. Billi l-applikabilità ta' dawk l-eżenzjonijiet tiddependi fuq ċerti kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu qabel id-dħul fis-seħħ jew fid-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 673/2005, l-eżenzjonijiet ma jistgħux fil-prattika japplikaw għall-importazzjonijiet tat-tmin prodotti li issa żdiedu mal-lista fl-Anness I. Għalhekk għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi biex dawn l-eżenzjonijiet isiru effettivi għall-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti.

(6) Biex tiġi evitata l-evażjoni tad-dazju addizzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(7) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tar-ritaljazzjoni tal-kummerċ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 huwa sostitwit bl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 huwa sostitwit bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

1. Il-prodotti kklassifikati taħt il-kodiċi NM 6301 40 10, 6301 30 10, 6301 30 90, 6301 40 90, 4818 50 00, 9009 11 00, 9009 12 00 u 8467 21 99 li għalihom inħarġet liċenzja ta' importazzjoni b'eżenzjoni minn, jew bi tnaqqis ta' dazju, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu soġġetti għad-dazju addizzjonali.

([1]) ĠU L 110, 30. 4.2005, p.1.

2. Il-prodotti kklassifikati taħt il-kodiċi NM 6301 40 10, 6301 30 10, 6301 30 90, 6301 40 90, 4818 50 00, 9009 11 00, 9009 12 00 u 8467 21 99 li għalihom ikun hemm prova li huma diġà fi triqithom lejn il-Komunità fid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel, m'għandhomx ikunu soġġetti għad-dazju addizzjonali.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum talpubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Se japplika mill-1 Mejju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-24 ta' April 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Peter MANDELSON
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

Il-prodotti li fuqhom japplikaw id-dazji addizzjonali huma identifikati mill-kodiċi NM tagħhom li fih tmin numri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti klassifikati taħt dawn il-kodiċi tista' tinstab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni kif emendati bir-Regolament (KE) Nru 493/2005 ([1]).

4820 10 90

4820 50 00

4820 90 00

4820 30 00

4820 10 50

6204 63 11

6204 69 18

6204 63 90

6104 63 00

6203 43 11

6103 43 00

6204 63 18

6203 43 19

6204 69 90

6203 43 90

0710 40 00

9003 19 30

8705 10 00

6301 40 10

6301 30 10

6301 30 90

6301 40 90

4818 50 00

9009 11 00

9009 12 00

8467 21 99

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p.1. Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 486/2006 (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 1).

*ANNESS II*

Il-prodotti f'dan l-Anness huma identifikati mill-kodiċi NM tagħhom li fih tmin numri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti kklassifikati taħt dawn il-kodiċi tista' tinstab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 493/2005.

4803 00 31
4818 30 00
4818 20 10
9403 70 90
6110 90 10
6110 19 10
6110 19 90
6110 12 10
6110 11 10
6110 30 10
6110 12 90
6110 20 10
6110 11 30
6110 11 90
6110 90 90
6110 30 91
6110 30 99
6110 20 99
6110 20 91
9608 10 10
6402 19 00
6404 11 00
6403 19 00
6105 20 90
6105 20 10
6106 10 00
6206 40 00
6205 30 00
6206 30 00
6105 10 00
6205 20 00
9406 00 11
9406 00 38
6101 30 10
6102 30 10
6201 12 10
6201 13 10
6102 30 90
6201 92 00
6101 30 90
6202 93 00
6202 11 00
6201 13 90
6201 93 00
6201 12 90
6204 42 00
6104 43 00
6204 49 10
6204 44 00
6204 43 00
6203 42 31
6204 62 31